MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Marzu, 2012

Numru 280/2012

**Il-Pulizija**
**Spettur Frankie Sammut**

**vs**

**Joseph Zammit**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Joseph Zammit ta' 35 sena iben George u Josephine nee' Bartolo, imwieled Pieta' nhar l-14 ta' Awwissu 1976 u residenti 6, sqaq nru 6 Triq il-Vitorja, Qormi u detentur tal-karta tal-identita' numru 460776(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fid-9 ta' Marzu, 2012 fl-inhawi tal-Birgu, ikkommetta serq ta' oggetti u cioe' gizirana u nuccali, liema serq, li sar ghad-detriment ta' Brendan Cachia mill-Birgu u/jew persuni ohra, huwa kkwalifikat bil-valur li jammonta ghal

aktar minn Euro 116.57 imma mhux aktar minn Euro 2329.37.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 12 ta' Marzu 2012 (esebit a fol. 14 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tat-12 ta' Marzu 2012 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' nhar it-12 ta' Marzu 2012 ghall-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta' l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta' l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri u jidhrilha li fic-cirkostanzi m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 261 u 267 tal-Kodici Kriminali, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessa u tikkundannah disa'(9) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghal perijodu ta' sentejn (2) millum.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkunanna lill-imputat sabiex sa zmien sitt (6) xhur millum ihallas lil Brendan Cachia is-somma ta’ mitejn u disghin ewro (€290).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------